9 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 64**

**It-Tnejn, 24 t'April 2023**

Il-Laqgħa numru 64 saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn ~~13 ta' Frar~~ 2023 fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**):

| | |
|---|---|
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sa Roberta Sultana | Kunsillier |

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti**

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

**64.1 Qari tal-ittri t'apoloġiji**

F'din il-laqgħa is-Sindku informa lill-membri li s-Sa Courtney Farrugia u Is-Sa Roberta Sultana ma kienux preżenti minħabba raġunijiet personali.

**64.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.**

**64.2.1 Approvazzjoni tal-Minuti**

Minuti tal-laqgħa 62 u 63 ġew approvati unanimament.

**64.2.2 Korrezzjonijiet**

64.2.2.1 Minuta 62.98 – flokk "ilemti" issir "ilmenti"
64.2.2.2 Minuta 6.3.6 – flokk "appologija" issir "apologija"
64.2.2.4 Minuta 61.3.7 – flokk "2021" issir "2022"
64.2.2.5 Minuta 63.2 - flokk "jispeja" issir "spjega"

64.2.2.6 Minuta 63.2 - flokk "*reort*" issir "*report*"

**64.3 Punti mqajjma mill-minuti**

**64.3.1** Minuta 62.3.1 – Is-Sindku informa lill-membri li fuq Jum Santa Venera il-Kunsill kellem ukoll lid -Dipartiment u kkonfermaw li l-Memo li kienet inħarget mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fl-2010 għadha fis-seħħ.

**64.3.2** Minuta 62.3.2 - Is-Sindku informa lill-membri li x-xogħol fi Triq il-Kbira San Ġużepp tkompla.

Is-Sindku qal ukoll quddiem iz-zuntier tal-Knisja jsir b'materjal differenti sabiex tingħata dehra isbaħ u jkun jispikka mill-kumplament tat-triq,

F'din id-diskussjoni s-Sindku qal li ser jagħmel kuntatt mas-Sindku tal-Ħamrun rigward lampi dekorattivi fejn ser imorru għal stil *Victorian* fejn qed jieħdu ħsieb il-periti tal-Gvern sabiex ikunu l-istess tul Triq il-Kbira San Ġużepp kollha. Oltre, ser isiru ukoll xi siġar sabiex jgħatu dehra isbaħ lit-triq.

Is-Sindku tkellem ukoll fuq Triq it-Turretta sabiex isir tisbiħ ta' din it-triq billi parti minnha tiġi ppavimentata, dawl ġdid u bil-possibilta li ssir grada sabiex ikunu jistgħu jidħlu biss residenti li joqgħodu f'din it-triq.

**64.3.3** Minuta 62.5.7 - Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva mingħand is-Sur Alfred Mizzi f'isem il-fondazzjoni Wirt Vendriz fejn ġejna nfurmati li l-Fondazjoni Wirt Vendriż ħejjit bust ta' Patri Ġustin Sant. Il-ħsieb tal-Fondazzjoni hu li dan il-Bust jitpoġġa fil-Ġnien Romeo Romano flimkien ma dak ta' Dun Xand Cortis li jinsab fuq barra tal-ġnien. Il-Kunsill ircieva site plan ta fejn ser jitpoġġa. Ġie nnutat li issa ser ikun hemm żewġ bustijiet tal-istess persuna fil-ġnien.

Wara diskussjoni il-Kunsill ħa vot fejn is-Sindku ppropona din it-talba. Voti 4 favur u vot 1 kontra. It-talba ġiet approvata.

**64.3.4** Minuta 62.6.3 Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill li bħalissa għaddejjin diskussjonijiet mad-Dipartiment tal-Cleansing fuq il-knis. Huwa żied jgħid malli jkollu aktar informazzjoni ser jinforma lill-membri dwar dan.

**64.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**64.4.1** Is-Sindku informa lill-membri li kien hemm laqgħa mas-Sur D'Amato, is-surmast ta' St Michael College, sabiex il-parkeġġ tal-minbuses ma jsirx fit-triq minn kmieni minħabba li qed ikunu ta' ostaklu kemm għar-residenti u kif ukoll għas-sewwieqa. Is-Sindku qal li issuġġerixxa lis-Surmast sabiex jibda jintuża il-parkeġġ tal-istess skola iżda ġie infurmat li dan il-parkeġġ jintuża mill-għalliema. Wara diskussjoni l-membri qablu sabiex ninfurmaw lill-Kurja dwar din il-problema.

**64.2.2** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill ġie infurmat li mill-MCCA li wieħed mill-WIFI spots ta' Triq il-Parroċċa mhux qed jiġi utilizzat u għaldaqstant ġejna notifikati li dan kien ser jitneħħa.

**64.5 Rapporti / Korrispondenza**

**64.5.1** Is-Sindku informa lill-membri u poġġa fuq il-mejda il-pjanti u l-BOQ tal-bus shelter ta' fejn il-knisja ta' San Ġużepp fi Triq il-Kbira fejn l-ispiża ser tammonta għal madwar €23K.

Wara diskussjoni is-Sindku ħa vot minħabba li mhux il-membri kollha qablu. Is-Sindku, is-Sur Kursten Dimech, is-Sur Silvio Vella u s-Sur Joe Vella vvutaw favur filwaqt li s-Sur Gianluca Falzon ivvota kontra. Ma kien hemm l-ebda astenzjoni.

**64.5.2** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikat mingħand TCTC fejn din il-Kumpanija qed terġa' lura b'aktar proġetti għal kommunitajiet – proġetti immirati għal kull ġenerazzjoni. It-TCTC qeda tniedi il-proġett - Innovazzjoni Diġitali għat-Tfal. Il-proġett huwa immirat għat-tfal waqt il-vaganzi tas-Sajf 2023 minn ġewwa l-kunsilli lokali. Proġett li jkopri aktar tagħlim prattiku fl-użu ta diversi programmi importanti fl-iżvilupp edukkattiv u krejattiv ta' l-istudenti flimkien mall-kunsilli lokali għat tfal ta' bejn il- 5 u t- 12 il-sena. Dan il-kors huwa l-aktar innovativ fid-dawl ta' kif sejra din l-industrija u l-importanza li aktar tfal u zgħażagħ ikunu mħarġa fl-IT għal futur bħal l-AI, Robotics, Game Programming u suġġetti li jgħinu lit-tfal fil-homeworks u l-proġetti ta' l-iskola.

Wara diskussjoni l-membri qablu sabiex isir il-kors tal-ECDL jew tal-ICDL minflok.

**64.5.3** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva l-kwotazzjonijiet mingħand Dr. Antoine Zammit sabiex jitkompla l-istudju tat-*traffic Management* ta' Triq San Ġorġ u t-toroq tal-madwar. L-istima biex jitkompla dan l-istudju tammonta għal €3750 Vat eskluża. Is-Sindku informa wkoll lill-membri li ġie notifikat ukoll li l-bitħa tal-mużew kienet inbniet illegalment. Is-Sindku flimkien mal-membri tal-Kunsill qablu li din hija fora li l-Awtorita' tal-Ippjanar trid tieħu deċizjoni fuqha u mhux il-Kunsill Lokali.

Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament biex jitkompla dan l-istudju.

**62.5.4** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikat mingħand Santa Venera Nursery fejn qed jitolbu lill-Kunsill sabiex jorganizza tournament tal-futbol tal-U11 u U13 għal żmien l-Għid u l-Kunsill ikun irid jieħu ħsieb il-midalji għall-parteċipanti.

Apparti minn hekk Santa Venera Nursery qed jitobu lill-Kunsill sabiex jgħin fil-ħlasijiet tal-vannijiet li qed ikollhom iħallsu matul l-istaġun. Huma ikkwotaw li dawn l-ispejjeż jammontaw għal €50 kull vjaġġ fejn l-ammont globali fis-sena jammonta għal €2,500.

Wara diskussjoni l-membri tal-Kunsill qablu unanimament sabiex il-Kunsill jorganizza dan it-turnament b'kollaborazzjoni ma' Santa Venera Nursery. Dwar it-trasport il-Kunsill irrimarka li l-Kunsill irid jimxi ma dak li hemm stipulat fil-liġi tal-Kunsilli pero ser tinġieb direzzjoni mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar dan.

**64.5.5** Is-Sindku informa lill-membri dwar il-kuncert li ser isir fis-sajf. Huwa qal li mill-kwotazzjonijiet li nġiebu, it-tribute Band tal-ABBA kienu l-irħas li kienu ser jiġu jiswuna madwar €3,500. Dan apparti l-ispejjeż tal-ajru u akkomodazzjoni u spejjeż oħra li jħibu kunċert ta' din il-kwalita. Wara diskussjoni kien hem qbil dwar dan.

**64.5.6** Is-Sindku informa wkoll lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikat mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-School Grannies fejn l-irwol ta' School Grannies jitlob li l-persuni b'din ir-responsabbiltà jkunu ħdejn l-iskola biex jilqgħu lit-tfal waqt li deħlin u ħerġin mill-iskola skont skeda ppreparata mill-Kunsill Lokali. Huma jassistu wkoll lit-tfal fit-trasport ipprovdut ukoll mill-Kunsill Lokali billi jkunu magħhom fil-vann. B'kollaborazzjoni mal-pulizija, huma jgħinu wkoll biex iwaqqfu u/jew jidderieġu t-traffiku u jgħinu lit-tfal biex jaqsmu t-triq.

Wara diskussjoni l-membri qablu sabiex il-Kunsill jiddiskuti din il-proposta mal-Supretindent tal-Pulizija fil-laqgħa li għandha ssir.

**64.5.7** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva mingħand il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar li għadu kif ippubblika ktieb bl-isem 'Il-Ġimgħa Mqaddsa – Wirt komuni li jgħaqqadna'. Il-ktieb qed jinbiegħ għall-prezz ta' €10 biss u d-dħul minnu se jmur kollu għall-Malta Community Chest Fund Foundation. Il-Kunsilli Lokali qed ikunu imħeġġa sabiex jixtru mqar 10 kopji ta' dan il-ktieb biex b'hekk is-somma miġbura tkun preżentata lill-President ta' Malta għall-bżonnijiet tal-Malta Community Chest Fund Foundation.

Wara diskussjoni il-membri qablu unanimament sabiex jinxtraw 20 ktieb.

**64.5.8** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fuq l-iskemi fejn saret referenza għall-pakkett ta' skemi mħabbar mis-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali.

F'dan ir-rigward l-ewwel parti ta' l-iskemi maħruġa huma:

SPI/SCI/01/2023 - Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2023/2024.
Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li japplika għall-attivita li ssir f'Diċembru Betlehem f'Santa Venera

SPI/SCI/02/2023 - Espressjoni ta' Interess għal servizz ta' manutenzjoni fil-Libreriji Lokali u Reġjonali fil-lokalitajiet madwar Malta u Għawdex.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu sabiex jintalab parir mingħand il-Perit tal-Kunsill tistax issir *library boot* fi ġnien Romeo Romano

SPI/SCI/03/2023 - Espressjoni ta' Interess: *The World Cleanup Campaign 2023*.
Is-Sindku talab lis-Sur Joe Vella sabiex jikkordina mal-ħaddiema tal-Kunsill u bħal ma sar fis-sena preċedenti il-Kunsill jerga' jipparteċipa f'din l-inizzjattiva u għaldaqstant napplikaw sabiex il-kunsill jibbenifika minn din l-iskema.

**64.5.9** Is-Sindku informa lill-membri li irċieva l-BOQ dwar l-M&Es tal-proġett tan-Norwegian Funds. L-istima sabiex isir ix-xogħol neċessarju ser tiżboq is-somma ta' €62k fejn iridu jsiru xogħolijiet ta' elettriku, data, fire alarm and fire fighting, HVAC u installazzjoni ta' plumbing.

Wara diskussjoni il-membri qablu sabiex jitkomplew id-dokumenti neċessarji sabiex inkunu f'pożizzjoni li noħorġu t-tender.

## 64.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 64.6.1 Attivitajiet Scouts

Is-Sindku informa s-Sur Glen Catania, Group Scout Leader, f'isem l-iscouts ta' Santa Venera kien indispost u għaldaqstant ser ikun preżenti fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

### 64.6.2 Rapport Amministrattiv 2022

Is-Sindku informa lill-membri li r-rapport Amministrattiv 2022 intbagħat lill-Kunsilliera flimkien mad-dokumenti tal-laqgħa u f'dan ir-rigward talab jekk kienx hemm xi emendi. Wara diskussjoni il-membri qablu ma dan ir-rapport u kien hemm xi emendi u xi korrezzjonijiet u għaldaqstant dan ir-rapport ġie rivedut.

Is-Sindku ppropona r-rapport Amministrattiv hekk kif ġie rivedut, is-Sur Joe Vella ssekonda lis-Sindku filwaqt li l-membri qablu unanimament.

Is-Sindku informa lill-membri li l-laqgħa annwali ser issir nhar it-Tnejn 24 t'Arpil 2023 fl-4:30pm ġewwa il-bini Amminstrattiv tal-Kunsill.

### 64.6.3 Attivita' tal-Għid

Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill ser jagħmel attivita' marbuta ma' l-Għid il-Kbir "Easter Egg Hunt" fi ġnien Romeo Romano nhar it-Tnejn 10 t'April 2022. Huwa talab lis-Sur Kursten Dimech sabiex jikkomunika mall-ħaddiema tal-Kunsill sabiex jingiebu l-kwatazzjonijiet u jkunu ordnati l-affarijiet meħtieġa. Il-Baġit allokat huwa ta' €1,500.

Il-Membri qablu unanimament.

## 64.7 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

**64.7.1** L-Iskeda tal-pagamenti Nru 410 u Petty Cash ġew diskussi u approvati.

Skeda ta' pagamenti u Petty cash: Proponent: Is-Sur Joe Vella u Sekondant: Is-Sur Kursten Dimech.

Ġie mitlub sabiex issir kjarifika fuq item 141 u item 142 minħabba li mhux qed jaqblu ma' l-ewwel kont li l-Kunsill kien irċieva mingħand il-perit.

## 64.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati

F'din il-laqgħa ma kienx hemm minuti preżentati.

## 64.9 Lista ta' Ilmenti

**64.9.1** Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti segwenti

| | |
|---|---|
| 61 | Jinġieb l-indirizz tal-ħanut |

| | |
|---|---|
| 79 | Issir Work Order |
| 81 | Ħaddiema Assenjati |
| 86 | Contracts Manager |
| 88 | Contracts Manager |
| 90 | Xogħol sar |
| 92 | Ħaddiema Assenjati |
| 93 | Contracts Manager |
| 97 | Ser isir |
| 99 | Bħalissa weqfin |
| 105 | Din suppost saret WO lil B.Grima and Sons. Jekk le issir waħda |
| 107 | Ma tistax issir |

## Ilmenti ġodda:

| | |
|---|---|
| Talba għal Left Directional Arrow Sign man-naħa t'isfel ta' Triq San Pawl | WO lil B.Grima and Sons |
| Talba sabiex jitpoġġew xi planters quddiem il-LiDL peress li l-bankina hija wiesgħa. | WO lil Piscopo |
| Talba sabiex jinxtraw bins ġodda għal Triq il-Kbira San Ġużepp u jkunu uniformi | Works Order |
| Talba għal bollards tal-plastic fil-viċinanzi ta' garaxxijiet fi Triq Dun Alfred Gatt | Transport Malta |
| Talba għal sleeping policeman oħra fil-viċinanzi tal-Ġnien ħabba sewqan eċċessiv | Transport Malta |
| Talba sabiex issir kaxxa bajda quddiem garage 3, Triq San Ġorġ | Ħaddiema Assenjati |
| Talba għal MC Bay fi Triq il-Markiz Scicluna fit-tarf tat-triq ma Triq l-Imsida fejn kien qabel | Ħaddiema Assenjati |

### 64.10 Mozzjoni – *Patching* ta' Toroq

Din il-mozzjoni giet proponuta mis-Sur Joe Vella u ssekondata mis-Sindku Stephen Sultana. Is-Sindku qal li din il-mozzjoni ġiet diskussa fl'laqgħat preċedenti kien hemm qbil unanimu sabiex isir tinħareġ tender fuq *major patching* u bini ta' bankini ġodda.

Oltre, b'mod temporanju qed isir xogħol bil-compactor u l-qatran.

F'dan ir-rigward b'mod unanimu l-membri qablu. Din tal-mozzjoni tinsab bħala Dok "A".

## 64.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fit-8:30pm u ġiet aġġornata għall-24 t'April 2023, fil-5.30pm.

Stephen Sultana
Sindku
Konfermati, illum 24 t' April, 2023

Michael Mifsud
Deputat Segretarju Eżekuttiv